**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 28 ta' Lulju, 2016**

**Rikors Guramentat Nru: 916/2006 AF**

**Marketing and Consultancy Limited (C-8171)**

**vs**

**Fenlex Enterprises Limited già FDG Services Limited (C-10777) u b'digriet tal-Qorti tas-17 ta' Settembru 2009, il-Qorti laqghet it-talba u ordnat li l-isem "Fenlex Enterprises Limited" jaqra "Emerald Holdings Limited"**

**u**

**Tain Services Limited (C-36874) u fil-verbal tas-seduta tal-5 ta' Gunju 2013, il-Qorti ordnat il-bidla fl-isem li ghandu jaqra "WB Services Limited" jew min minnhom**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjetà attriċi Marketing and Consultancy Limited, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Is-socjetà rikorrenti Marketing and Consultancy Limited hija proprjetarja ta' binja li ggib l-isem Jupiter House liema binja tinsab fi Triq Bouverie, Gzira skond kuntratt ta' bejgh datat is-27 ta' Novembru 1992 (vide Dok. MC1).

Is-socjetà intimata Fenlex Enterprises Limited hija propretarja tal-appartament numru 3, f'114, Marina Street, The Strand liema appartament huwa prezenzjalment mikri lis-socjetà intimata l-ohra Tain Services Limited.

Il-fond proprjetà tas-socjetà rikorrenti u senjatament il-fond bl-isem Jupiter House ghandu bitha, liema bitha tinsab biswit 'shaft' proprjetà tas-socjetà intimata Fenlex Enterprises Limited.

Recentement, is-socjetajiet intimati jew min minnhom installaw numru ta' *air conditioners* fix-'shaft' in kwistjoni u ben hamsa minn dawn l-*air conditioners* gew installati b'mod illi jisporgu oltre mill-linja divizorja ta' bejn iz-zewg proprjetajiet b'tali mod illi ai termini ta' rapport imhejji mill-Perit Stephen Psaila (vide Dok. MC2), is-socjetà rikorrenti qed tigi prekluza milli teffettwa kwalunkwe xoghol ta' kostruzzjoni fil-futur u b'hekk id-drittijiet taghha gew mnaqqsa b'mod drastiku.

Inoltre u minghajr pregudizzju, l-mod ta' kif dawn l-*air conditioners* jinsabu jisporgu ghal fuq proprjetà tas-socjetà rikorrenti, qed jikkreja ingombru u ostaklu serju ghad-dritt ta' passagg u godiment shih u hieles li s-socjetà rikorrenti kienet tgawdi fuq proprjetà taghha stess skond il-ligi.

Recentement ukoll, is-socjetajiet intimati jew min minnhom illegalment, abbuzivament u minghajr id-debita awtorizzazzjoni tas-socjetà rikorrenti, haffru zewg toqob fil-hajt divizorju li jezisti bejn il-proprjetà tas-socjetà rikorrenti u dik tas-socjetà intimata Fenlex Enterprises Limited, liema skop ghal dawn it-toqob mhux maghruf.

Ghalkemm is-socjetajiet intimati gew mitluba sabiex inehhu l-imsemmija units, huma baqghu inadempjenti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-agir tas-socjetajiet intimati jew min minnhom fir-rigward l-ingombru ikkawzat minnhom bl-installazzjoni tal-*air conditioners* kif fuq premess kif ukoll it-thaffir ta' zewg toqob fil-hajt divizorju minghajr l-awtorizzazzjoni tas-socjetà rikorrenti, huwa wiehed illegali u abbuziv fil-konfront tas-socjetà rikorrenti.

2. Tordna lis-socjetajiet intimati jew min minnhom sabiex fi zmien qasir u perentorju iffissat minn din l-Onorabbli Qorti, jizgombraw l-imsemmija *air conditioners* b'tali mod illi ma jibqghux jisporgu ghal fuq il-proprjetà tas-socjetà rikorrenti.

3. Tordna lis-socjetajiet intimati jew min minnhom sabiex jaghlqu t-toqob illi huma ghamlu fil-hajt divizorju.

4. Tawtorizza lis-socjetà rikorrenti, okkorrendo permezz u taht is-supervizjoni ta' periti nominandi, jesegwixxu l-istess xogholijiet kontenuti fil-precitat talbiet huma stess a spejjez tas-socjetajiet intimati jew minn minnhom.

Bl-ispejjez kontra s-socjetajiet konvenuti jew min minnhom, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata l-25 ta' Settembru, 2006, kontra taghhom. Is-socjetajiet intimati huma minn issa ingunti in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà konvenuta Fenlex Enterprises Limited ġja FDG Services Limited, li permezz tagħha eċċepiet illi:

Id-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrihom stante illi mhux minnu illi l-*airconditioners* in kwistjoni gew stallati illegalment jew abbuzivament kif qed tallega s-socjetà rikorrenti u inqas u inqas m'hu minnu illi s-socjetà rikorrenti qed tigi prekluza milli tizviluppa l-proprjetà taghha li ilha fi stat ta' abbandun ghal diversi snin u hlief ghal hamiem ma takkomoda lil hadd u ma tigi uzata minn hadd; ghalhekk l-ebda dritt li jista' jkollha s-

socjetà rikorrenti m'hu qed jigi mnaqqas ahseb u ara kemm qed jigi mnaqqas "b'mod drastiku".

Konsegwentement m'hemm l-ebda lok ghaliex dina l-Qorti ghandha tordna li dawn jigu mcaqalqa kif qed titlob l-istess socjetà.

Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà konvenuta Tain Services Limited li permezz tagħha eċċepiet illi:

Is-socjetà esponenti teccepixxi illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez fil-konfront taghha u dan minhabba illi hija ma installat ebda *airconditioners* u ma haffret ebda toqob fil-hajt kif allegat mis-socjetà rikorrenti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 17 ta' Settembru 2009 li permezz tiegħu laqgħet it-talba tas-soċjetà rikorrenti sabiex l-atti kollha tal-kawża jirriflettu l-bidla fl-isem tas-soċjetà konvenuta Fenlex Enterprises Limited għall-Emerald Holdings Limited.

Rat illi fl-udjenza tal-5 ta' Ġunju 2013 il-Qorti laqgħet it-talba tas-soċjeta konvenuta WB Services Limited ġja Tain Services Limited sabiex l-atti kollha tal-kawża jirriflettu t-tibdil fl-isem tas-soċjetà konvenuta Tain Services Limited għall-WB Services Limited.

Rat illi fl-udjenza tat-22 ta' Novembru 2012, din il-Qorti ħatret lill-Perit AIC Mario Cassar bħala perit tekniku.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija azzjoni petitorja li permezz tagħha s-soċjetà attriċi qiegħda titlob lill-Qorti issib illi l-installazzjoni tal-*air conditioning units* u ċioè *outdoor units* u tħaffir ta' toqob fil-ħajt diviżorju bejn il-proprjetà tagħha u dik ta' Emerald Holdings Limited (ġja Fenlex Enterprises Limited) li saru mill-intimati jew min minnhom mingħajr il-permess tas-soċjetà attriċi, huma illegali u abbużivi fil-konfront tas-soċjetà attriċi. Qiegħed jiġi mitlub ukoll illi din il-Qorti tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex jiżgombraw l-imsemmija *outdoor units* sabiex ma jibqgħux jisporġu fuq il-proprjetà tas-soċjetà attriċi u jagħlqu t-toqob imsemmija fil-ħajt diviżorju. Is-soċjetà konvenuta Emerald Holding Limited laqgħet għat-talbiet attriċi billi eċċepiet illi dawn huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-*outdoor units* in kwistjoni ma ġewx installati abbużivament jew illegalment u li s-soċjetà attriċi mhijiex tiġi prekluża milli tiżviluppa l-proprjetà tagħha kif qiegħda tallega. Is-soċjetà konvenuta WB Services Limited (ġja Tain Services Limited) eċċepiet illi hija ma installat ebda *air conditioners* u ma ħaffret ebda toqob fil-ħajt diviżorju.

Jirrizulta illi s-soċjetà attriċi hija sid il-proprjetà bl-isem Jupiter House, li tinsab fi Triq Bouverie, Gżira. Is-soċjetà konvenuta Emerald Holdings Limited hija sid l-appartament numru 3, fil-binja li ġġib in-numru 114, Marina Street, Gżira. Is-soċjetà attriċi tgħid illi din il-proprjetà kienet għamlet żmien mikrija lis-soċjetà konvenuta l-oħra WB Services Limited. Emerald Holdings Limited installat *outdoor units* b'mod illi s-soċjetà attriċi tgħid illi dawn jisporġu għal fuq l-arja tal-proprjetà tagħha. Is-soċjetà attriċi tgħid ukoll illi ġew imtaqbin żewġ toqob fil-ħajt diviżorju. Kemm l-*outdoor units* u kemm dawn it-toqob is-soċjetà attriċi tgħid illi saru mingħajr il-permess tagħha. Is-soċjetà attriċi ppreżentat rapport tal-perit ex parte tagħha li jispjega kif ġew imqiegħda dawn l-*outdoor units*. F'dan ir-rapport jissemmew ħames *outdoor units* iżda effettivament il-perit tekniku isemmi biss żewġ *units*.

Preliminarjament il-Qorti tirrileva li permezz tad-digriet tagħha tal-10 ta' Ġunju 2014, hija ċaħdet it-talba tas-soċjetà intimata Emerald Holdings Limited sabiex il-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza sakemm tiġi deċiża l-kawża ta' spoll fl-ismijiet Fenlex Enterprises Limited ġja FDG Services limited (C

10777) u Tain Services Limited (C36874) vs Paul Camilleri u Marketing and Consultancy Limited (C 8171), li kienet qiegħda tinstema' minn din il-Qorti diversament presjeduta, proprju dwar it-tneħħija tal-*outdoor units* in kwistjoni mill-konvenuti (illum soċjetà attriċi), u dan in vista tal-prinċipju stabbilit mill-ġurisprudenza li l-parti spoljata għandha tiġi reintegrata fil-pussess qabel ma l-Qorti tgħaddi sabiex tiddeċiedi l-kawża petitorja bejn il-partijiet.

Jirriżulta li kawża msemmija ġiet deċiża fl-24 ta' Ġunju 2015 fejn il-Qorti, laqgħet l-ewwel talba attriċi billi ddikjarat illi l-intimati f'dik il-kawża wettqu spoll bi ħsara tal-kumpanniji attriċi Fenlex Enterprises Limited, illum Emerald Holdings Limited u Tain Services Limited, illum WB Services Limited, meta kontra r-rieda tagħhom '*ċaqalqu airconditioning units li kienu jinsabu fuq ħajt diviżorju u qatgħu l-provvista tad-dawl għall-istess units, li l-istess kumpanniji attriċi kienu jgawdu l-pussess tagħhom qabel ma saru l-imsemmija xogħlijiet*'. Il-Qorti sabet ukoll illi l-konvenuti (illum soċjetà attriċi) kienu irripristinaw għall-kollox il-pussess tal-*air conditioning units* u t-tħaddim tagħhom u għaldaqstant is-soċjetajiet attriċi (llum konvenuti) ma kienx baqgħalhom għalfejn iressqu talba għall-reintegrazzjoni. Ma jirriżultax li sar appell minn din is-sentenza u allura l-istess sentenza għaddiet in ġudikat.

In vista ta' dan kollu, din il-Qorti jirriżultalha li ċertament ma hemm xejn xi jżommha milli tiddeċiedi din il-kawża fil-petitorju stante li r-reintegrazzjoni fil-pussess lill-konvenuti Emerald Holdings Limited u WB Services Limited mis-soċjetà attriċi fil-kawża ta' llum effettivament seħħet.

In kwantu li din hija kawża petitorja, jeħtieġ illi s-soċjetà attriċi tipprova t-titolu tagħha fuq il-proprjetà in kwistjoni. F'dan ir-rigward, is-soċjetà attriċi ppreżentat kopja tal-kuntratt ta' akkwist tal-proprjeta bl-isem Jupiter, fi Triq Bouverie, Gżira. F'dan il-kuntratt hemm indikat illi s-soċjetà attriċi kienet qiegħda takkwista wkoll il-bitħa mal-fond kif ukoll l-arja tal-bejt ta' din il-proprjetà. Ġie preżentant ukoll kopja tal-kuntratt li permezz tiegħu s-soċjetà konvenuta Emerald Holdings Limited (dak iż-żmien bl-isem ta' FDG Services Limited), akkwistat l-appartament bin-numru 3, fil-bini li jġib in-numru 114, Marina

Street, Gżira.  F'ebda kuntratt ma hemmx imniżżel illi l-proprjetà tas-soċjetà konvenuta tgawdi xi servitù fuq il-proprjetà tas-soċjetà attriċi u għaldaqstant, il-Qorti jirriżultalha li s-soċjetà attriċi rnexxilha tipprova t-titolu tagħha fuq il-proprjetà li tappartjeni lilha, bl-arja tagħha u mingħajr limitazzjonijiet ta' xi servitù favur il-proprjetà tas-soċjetà konvenuta.

Fir-rigward tas-soċjetà konvenut WB Services Limited ġja Tain Services Limited, mill-assjem tal-provi prodotti l-Qorti hija tal-fehma li ma jirriżultax illi din is-soċjetà konvenuta nstallat dawn *l-outdoor units* jew ħaffret it-toqob msemmija mis-soċjetà attriċi.  Ma jirriżultax illi huwa kkontestat illi l-*outdoor units* in kwistjoni jappartjenu lill-Emerald Enterprises Limited u li kienu huma li nstallawhom u mhux is-soċjetà konvenuta l-oħra.

Il-Qorti tinnota li minkejja li fir-rikors promotur is-soċjetà attriċi tispjega li dawn l-*outdoor units* jisporġu għal fuq il-bitħa tal-proprjetà tagħha, kemm fid-depożizzjonijiet tax-xhieda u kemm fir-relazzjoni tal-perit tekniku hemm indikat illi dawn filfatt jisporġu għal fuq il-bejt tal-proprjetà in kwistjoni.  Fi kwalunkwe każ, ma jiriżultax illi dan jinpinġi fuq il-mertu tal-kawża peress illi kif diġà ngħad ma jirriżultax illi t-tgawdija tal-arja tal-proprjetà tas-soċjetà attriċi hija limitata b'xi servitù favur il-proprjetà tas-soċjetà konvenuta Emerald Holdings Limited.  Illi mill-provi prodotti l-Qorti jirriżultalha wkoll illi minkejja li llum il-ġurnata dawn l-*outdoor units* jinsabu fil-ħajt diviżorju ta' bejn iż-żewġ proprjetajiet, dan il-ħajt kien filfatt inbena wara li twahhlu l-*outdoor units*.

Fil-mori tal-proċeduri xehdu Paul Camilleri, rappreżentant tas-soċjetà attriċi u l-Avukat Kenneth Grima, rappreżentant tas-soċjetà konvenuta Emerald Holdings Limited.  Minn dawn id-depożizzjonijiet jirriżulta mingħajr ebda dubju li l-*outdoor units* in kwistjoni ġew stallati mis-soċjetà konvenuta imsemmija u mhux mis-soċjetà konvenuta WB Services Limited.  Mill-istess depożizzjonijiet jirriżulta ċar ukoll illi l-dawn saru mingħajr il-permess tas-soċjetà attriċi.

Fir-rigward ta' kif ġew imqiegħda dawn il-units, il-perit tekniku fir-relazzjoni tiegħu jispjega li:

1. *Illi l-esponent ikkonstata illi ż-żewġ outdoor units li jidhru f'Dok. MC 1)/2 jisporġu fuq il-proprjetà attriċi, jiġifieri wieħed mill-bjut tal-fond 'Jupiter House', Triq Bouverie, il-Gżira, Dok. MC 1)/1. L-istess proprjetà qegħda appoġġ mal-proprjetà tas-soċjetà konvenuta;*
2. *Dawn jisporġu madwar 23 ċentimetru u nofs il-wisa' tal-appoġġ, jiġifieri sporġatura ta' madwar 34.5 ċentimetri. Dok MC2)1/2.*

Dwar kunsiderazzjonijiet li l-Qorti għandha tagħti lir-rapport peritali, il-Qorti tirreferi għas-sentenza fl-ismijiet Vella Carmel vs Sammut Victor, deċiża fit-18 ta' Frar 2004 fejn intqal:

> "*Issa huwa paċifiku f'każijiet ta' din ix-xorta illi l-ġudizzju tal-Qorti kellu neċessarjament ikun bażat fuq l-opinjoni teknika tal-perit nominat minnha. Dan aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakolta lilha konċessa b' talba għan-nomina ta' periti addizzjonali. Ara "Giswarda Bugeja et -vs- Emmanuele Muscat et", Appell Civili, 23 ta' Gunju 1967*."

Il-Qorti tinnota li lanqas saret eskussjoni tal-perit tekniku u għaldaqstant, u in kwantu li l-Qorti setgħet tasal għall-konklużjonijiet tagħha anke mir-ritratti eżebiti mill-perit tekniku, ma ssib ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tadotta l-konklużjonijiet tiegħu li ż-żewġ *outdoor units* msemmija fir-relazzjoni tiegħu jisporġu fuq il-proprjeta tas-soċjetà attriċi.

L-artikolu 323 tal-Kodiċi Ċivili jistipula hekk:

> "*Kull min għandu l-proprjetà tal-art, għandu wkoll dik tal-area ta' fuqha, u ta' dak kollu li jinsab fuq jew taħt wiċċ l-art; hu jista' jagħmel fuq l-art tiegħu kull bini jew taħwil, kif ukoll taħt l-art, kull biċċa xogħol jew taħfir, u jieħu minnhom kull prodott li jistgħu jagħtu, iżda, bla ħsara tad-disposizzjonijiet dwar is-Servitujiet Predjali taħt it-Titolu IV tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb ta' dan il-Kodiċi u kull*

*disposizzjoni oħra ta' liġi dwar fortifikazzjonijiet jew oħri oħra ta' difiża*."

Huwa stabbilit fil-ġurisprudenza li l-presunzjoni legali tal-artikolu 323 msemmi mhijiex waħda 'juris et de jure' iżda 'juris tantum' u għaldaqstant kien jinkombi fuq is-soċjetà konvenuta l-oneru li ġġib prova sodisfaċjenti sabiex ixxejjen il-presunzjoni stabbilita mill-liġi[1], iżda is-soċjetà konvenuta ma ressqet ebda eċċezzjoni fis-sens illi l-arja in kwistjoni ma tappartjenix lis-soċjetà attriċi, jew li t-tgawdija hija limitata b'xi servitù, u wisq inqas ma ressqet xi prova f'dan ir-rigward.

Applikat dan l-insenjament għall-każ illi għandha quddiemha l-Qorti llum u fl-assenza ta' xi ftehim li jistipula l-kuntrarju, isegwi li l-arja sovrastanti għall-bitħa u bejt tal-proprjetà tas-soċjetà attriċi hija wkoll proprjetà tagħha u t-tgawdija tagħhom mhijiex limitata b'xi servitù.  Għaldaqstant u in kwantu li jirriżulta li l-*outdoor units* li jisporġu għal fuq il-proprjetà tas-soċjetà attriċi saru mingħajr il-permess tagħha, is-soċjetà attriċi għandha kull dritt illi titlob lis-soċjetà intimata Emerald Holdings tneħħihom.  L-Avukat Kenneth Grima fix-xhieda tiegħu jispjega li meta s-soċjetà intimata akkwistat il-proprjetà kien hemm xi *air conditioning units* illi diġà kienu hemm.  Ma ġiex iċċarat jekk xi wieħed minn dawn il-*units* illi diġà kienu hemm huwiex xi wieħed minn dawk imsemmija mill-perit tekniku iżda fi kwalunkwe każ dawn il-units li hekk jidhru fir-relazzjoni peritali għandhom jinqalgħu anke jekk effettivament twahhlu mis-sidien ta' qabel.

Is-soċjetà konvenuta Emerald Holdings Limited tiċħad illi bil-mod kif twahhlu dawn l-*outdoor units* is-soċjetà attriċi hija prekluża milli tiżviluppa l-proprjetà tagħha, iżda fil-fehma tal-Qorti s-soċjetà attriċi għandha raġun meta tgħid illi dawn il-*units* ikkrejaw ingombru u ostakolu serju għal kwalunkwe żvilupp illi s-soċjetà attriċi tista' tagħżel li tagħmel in kwantu li ċertament ma tistax tiżviluppa l-bejt jew bitħa in kwistjoni b'zewġ *outdoor units* li jisporġu għal fuq il-proprjetà tagħha b'dan il-mod.  Filfatt, kif is-soċjetà attriċi ġiet biex tgħolli l-ħajt

[1] Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Supermarkets (1960) Limited vs Le Cram Developments Co Ltd**, deċiża fit-22 ta' Ottubru 2002.

diviżorju li jifred il-proprjetajiet, kif kellha kull dritt illi tagħmel skont il-liġi, dawn il-*units* spiċċaw f'nofs il-ħajt divizorju b'mod illi xorta waħda jisporġu għal fuq il-proprjetà tagħha.

Fir-rigward tat-toqob fil-ħajt diviżorju msemmija mis-soċjetà rikorrenti, l-Qorti ma jirriżultaliex illi ġie pruvat illi dawn jinsabu fil-ħajt diviżorju ta' bejn iż-żewġ proprjetajiet. Jibda biex jingħad illi la l-perit ex parte mqabbad mis-soċjetà attriċi u lanqas il-perit tekniku ma jsemmu li s-soċjetà konvenuta ħaffret xi toqob fil-ħajt diviżorju. B'żieda ma dan, dawn it-toqob jidhru biss fir-ritratt Dok. PCX 7 a fol. 96 tal-proċess. Paul Camilleri, rappreżentant tas-soċjetà attriċi jispega fix-xhieda tiegħu li dawn huma toqob li saru fil-ħajt diviżorju, iżda fil-fehma tal-Qorti dan ma ġiex provat mis-soċjetà attriċi għaliex mir-ritratt imsemmi mhuwiex ċar jekk dawn it-toqob jinsabux fil-ħajt diviżorju ta' bejn il-proprjetà tal-partijiet jew le, u kif diġà ngħad la l-perit ex parte u lanqas il-perit tekniku ma għamel riferenza għalihom.

Għalhekk u għal dawn il-ragunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta WB Services Limited;

2. Tilqa' l-ewwel talba attriċi limitatament billi tiddikjara li l-aġir tas-soċjetà konvenuta Emerald Holdings Limited ġja Fenlex Enterprises Limited ġja FDG Services Limited fir-rigward tal-ingombru ikkawżat minnha bl-installazzjoni taż-żewġ *outdoor units* msemmija fir-rapport tal-perit tekniku mingħajr l-awtorizzazzjoni tas-soċjetà rikorrenti huwa wieħed illegali u abbużiv fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti;

3. Tilqa' t-tieni talba attriċi billi tordna lis-soċjetà intimata Emerald Holdings Limited sabiex fi żmien tletin (30) ġurnata mid-data tas-sentenza tiżgombra l-imsemmija *outdoor units* b'tali mod illi ma jibqgħux jisporġu fuq il-proprjetà tas-soċjeta attriċi;

4. Tiċħad it-tielet talba attriċi in kwantu li ma jirriżultax pruvat illi t-toqob in kwistjoni saru mill-intimati fil-ħajt diviżorju;

5. Riferibbilment għar-raba' talba attriċi, tordna li fil-każ illi l-konvenuta Emerald Holdings Limited fit-terminu lilha prefiss tonqos milli tiżgombra l-imsemmija *outdoor units*, tawtorizza lis-soċjetà attriċi tiżgombra dawn il-*units* hi a spejjeż tal-konvenuta Emerald Holdings Limited u dan taħt is-superviżjoni tal-Perit Mario Cassar li qiegħed jiġi maħtur għal dan l-iskop.

Spejjeż tal-kawża inkluż dawk tas-soċjetà konvenuta WB Services Limited jitħallsu in kwantu għal żewġ terzi mis-soċjetà intimata Emerald Holdings Limited u terz mis-soċjetà attriċi.

IMHALLEF

DEP/REG